**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 29**

**It-Tnejn, 12 ta' Mejju 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4.45 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Carmelo Abela (sostitut), l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa 28, li saret nhar it-Tnejn, 5 ta' Mejju 2025, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR NORMAN HAMILTON GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-PRINĊIPAT TA' MONACO**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, li fiha kien hemm 19-il nomina għal Ambaxxaturi mhux residenti. Skont ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa Nru 25 li saret fl-1 ta' April 2025, dawn in-nomini kienu se jitqassmu fuq numru ta' laqgħat u l-Kumitat kien ser jeżamina kull nomina individwalment.

Il-Kumitat kellu quddiemu n-nomina tas-Sur Norman Hamilton għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Prinċipat ta' Monaco.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Norman Hamilton sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hu stess bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-4.46 p.m. is-Sur Norman Hamilton daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Norman Hamilton li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa

kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Hamilton spjega kif diġà beda jiltaqa' ma xi individwi relevanti u ambaxxaturi li diġà kellhom esperjenza fil-Prinċipat ta' Monaco sabiex ikompli fejn ħallew ta' qablu. Hu spjega wkoll xi ideat u inizjattivi li jistgħu jsiru ġaladarba jkun approvat bħala Ambaxxatur mhux residenti, fosthom il-Yachting, skambji kulturali u xi inizjattivi oħra li ż-żewġ pajjiżi jistgħu jibbenefikaw minnhom.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Norman Hamilton u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-4.59 p.m. is-Sur Norman Hamilton irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Norman Hamilton għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Prinċipat ta' Monaco, intalbet votazzjoni.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| | |
|---|---|
| **VOTAZZJONI NRU 7** | **ĦIN: 5.06 p.m.** |
| **Favur: 4** | **Kontra: 3** |
| L-Onor. | L-Onor. |
| Chris Caruana | Adrian Delia |
| Carmelo Abela | Julie Zahra |
| Omar Farrugia | Rebekah Borg |
| Amanda Spiteri Grech | |

Il-ħatra proposta għaddiet.

L-Oppożizzjoni xtaqet tagħti raġuni wara l-votazzjoni. L-Onor. Delia spjega li l-mod ta' kif esprima ruħu s-Sur Hamilton, kif ukoll l-attitudni li kellu xħin wieġeb il-mistoqsijiet li sarulu huma mbegħda mill-mod li għandu jikkomporta ruħu membru tal-korp diplomatiku.

Fil-5.08 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Norman Hamilton jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Norman Hamilton daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Prinċipat ta' Monaco kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fil-5.10 p.m. Sur Norman Hamilton irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT OMAR SEGUNA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAS-SEYCHELLES**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina ta' Dott. Omar Seguna għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Seychelles.

Il-Kumitat stieden lil Dott. Omar Seguna sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hu stess kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.11 p.m., Dott. Omar Seguna daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott. Omar Seguna li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. Seguna ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala uffiċjal fl-edukazzjoni speċjalizzat fl-oqsma Ewropej u li għandu għal qalbu l-kultura u l-kitba Maltija, it-turiżmu u l-ekonomija. Hu qasam mal-kumitat li nnota niċċa ġdida għas-suq Malti li huwa l-letteratura Maltija li tista' toħroġ barra minn xtutna. Hu spjega l-ħoloq bejn Malta u s-Seychelles u fejn dawn jistgħu jsiru opportunitajiet għaż-żewġ pajjiżi.

Dott. Seguna ta wkoll spjega qasira fuq il-pajjiż tas-Seychelles kif ukoll il-konnessjoni tal-Commonwealth bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni estensiva fuq dawn il-mistoqsijiet.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott. Omar Seguna u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.21 p.m. Dott. Omar Seguna rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott Omar Seguna għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għas-Seychelles. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.23 p.m. il-Kumitat stieden lis-Dott. Omar Seguna jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Dott. Omar Seguna daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għas-Seychelles kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fil-5.24 p.m. Dott. Omar Seguna lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT. PIERRE HILI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAL ANTIGUA U BARBUDA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina ta' Dott. Pierre Hili għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Antigua u Barbuda.

Il-Kumitat stieden lil Dott. Pierre Hili sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hu stess kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.25 p.m., Dott. Pierre Hili daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott. Pierre Hili li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. Hili ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala għalliem maċ-ċivil fl-1991, fejn imbagħad mexa għal karriera estensiva fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej fejn kellu diversi rwoli, fosthom fil-Commonwealth desk, fid-dipartiment tal-protokol u affarijiet bilaterali, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' żjarat statali. Hu kien ukoll involut fil-kriżi tal-Libya fl-2011 u ta sehmu fl-evakwazzjoni ta' ċittadini Ewropej mil-Libya.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni estensiva fuq dawn il-mistoqsijiet.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott. Pierre Hili u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.36 p.m. Dott. Pierre Hili rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott Pierre Hili għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Antigua u Barbuda. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.38 p.m. il-Kumitat stieden lis-Dott. Pierre Hili jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dott. Pierre Hili daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Antigua u Barbuda kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fil-5.38 p.m. Dott Pierre Hili rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR KENNETH CARUANA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAN-NIĠERJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina tas-Sur Kenneth Caruana għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għan-Niġerja.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Kenneth Caruana sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hu stess kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil- 5.39 p.m. is-Sur Kenneth Caruana daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Kenneth Caruana ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala bdot u aviation engineer kif ukoll negozjant li jimpjega 400 ruħ f'numru t'a kumpaniji f'ismu. Waqt il-pandemija tal-COVID-19 dawwar in-negozju tal-avjazzjoni għal dik tal-manifattura u impjega numru ta' nies li ġew rilaxxati mix-xogħol tagħhom minħabba l-pandemija.

Is-Sur Caruana tkellem ukoll fuq il-konnessjoni bejn Malta u n-Niġerja u x'issues hemm pertinenti bejn iż-żewġ pajjiżi. Hu nnota li Malta hija ċentru tal-kummerċ, u n-Niġerja għandha ħafna riżorsi, u b'hekk it-tnejn għandhom ħafna x'joffru, fosthom koperazzjoni ekonomika, kummerċ u l-manifattura.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Kenneth Caruana u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-6.05 p.m. is-Sur Kenneth Caruana irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Kenneth Caruana għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għan-Niġerja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-6.05 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Kenneth Caruana jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Caruana daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Niġerja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fil-6.08 p.m. is-Sur Caruana irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR ALFRED GRIXTI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAL KUBA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina tas-Sur Alfred Grixti għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Kuba.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Alfred Grixti sabiex tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Alfred Grixti kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-6:08 p.m., is-Sur Alfred Grixti daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Sur Alfred Grixti ta rendikont estensiv tal-karriera tiegħu bħala impjegat fiċ-Ċivil bħala għalliem, mexa għad-dipartiment tar-relazzjonijiet industrijali, serva bħala Sindku fil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ, u llum jaħdem mal-FSWS. Kien ukoll membru# tal-European Social Network fejn serva fuq il-Board of Trustees, kif ukoll membru tal-eżekuttiv fl-aħħar snin.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Grixti u ntalab jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fis-6.40 p.m. is-Sur Alfred Grixti rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Alfred Grixti għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Kuba, intalbet votazzjoni.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| **VOTAZZJONI NRU 8** | **ĦIN: 6.40 p.m.** |
|---|---|
| **Favur: 4** | **Kontra: 3** |
| L-Onor. | L-Onor. |
| Chris Caruana | Adrian Delia |
| Carmelo Abela | Julie Zahra |
| Omar Farrugia | Rebekah Borg |
| Amanda Spiteri Grech | |

Il-ħatra proposta għaddiet.

L-Onor. Adrian Delia xtaq jagħmel stqarrija dwar ir-raġuni għalfejn il-membri tal-Oppożizzjoni vvutaw kontra din il-ħatra. L-Oppożizzjoni ħasset li waqt id-diskussjoni mas-Sur Grixti, ħarġu spunti u numru ta' materji fundamentali li jmorru kontra l-prinċipju tad-diplomazija, speċjalment bil-mod ta' kif wieġeb għall-mistoqsijiet bil-miktub li ntalbu mill-kumitat, kif ukoll waqt id-diskussjoni. Għalhekk, l-Oppożizzjoni tħoss li s-Sur Grixti qed jonqos mill-abbiltajiet diplomatiċi sabiex ikun idoneu għal din il-ħatra.

Fis-6.47 p.m. il-Kumitat stieden lil Sur Alfred Grixti jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Sur Alfred Grixti daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għall-Kuba kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fis-6.47 p.m. Sur Alfred Grixti rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-6.50 p.m.il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**